**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Jannar 2021**

**<u>Rikors nru: 326/2020 AGV;</u>**

**AB**

**Vs**

**CDB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta'AB datat 23 ta' Settembru 2020, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata fit- 3 ta' Ottubru 1987, skont kif jidher mill-att taz-zwieg, att progressiv numru 1707/1987, illi kopja tieghu qed tigi hawn esebita , u mmarkata Dok. A;

2. Illi minn daz-zwieg twieldu zewgt ulied, entrambi maggoreni, cjoe EFB li twieled fis- 7 ta' Dicembru 1989 u GB Illi illi twieldet fid- 9 ta' Novembru 1991;
3. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet sfaxxaw tkisser irrimedjabilment u dana minhabba ragunijiet rikonxxuti mil-ligi, u effetivament huma ilhom ufficcjalment separati de facto sa minn Frar 2013, u dan kif jidher mil-kuntratt ta' seperazzjoni ta' bejn il-partijiet, hawn anness u mmarkat Dok B, b' dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-Artikolu 66 B (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi llum il-gurnata jghixu hajja totalment separata minn xulxin u effetivament iz-zewg partijiet, ghandhom relazzjoni ma' terzi persuni, u ghalhekk ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. B' hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit tal-Artikolu 66 B © tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni perosnali taghhom (Dok B) ebda forma ta' manteniment ma kellha tithallas mill-partijiet, lill-parti l- ohra.
6. Illi ghalhekk isegwi illi f' dal-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-awieg;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelbrat nhar it- 3 ta' Ottubru 1987, ai termini tal-Artikolu 66 D (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja tal-hall taz-zwieg ossija d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-registru pubbliku ai termini tal-Artiklu 66 A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Erbgha 27 ta' Jannar 2021, dehret il-konvenuta li iddikjarat li m' ghandhiex oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**